NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

*Mejju – Gunju 2000* | *NRU. 114*



# L-ARĊIPRIET IĦABBAR IĊ-ĊENTINARJU L-KBIR TA' SAN ĠORĠ TAS-SENA 2003



Waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni li saret fl-okkażjoni tas-Solennita Liturġika ta' San Ġorġ fit-30 ta' April li għaddha, l-Arċipriet Mons Gużeppi Farrugia ħabbar iċ-Ċentinarju l-Kbir Ġorġjan tas-sena 2003.

Il-festa liturġika ta' San Ġorġ li ta' kull sena ssir fit-23 ta' April, din is-sena ġiet trasferita għall-Ħadd 30 tax-xahar minħabba li fit-23 t'April ħabat l-Għid il-Kbir.Fit-30 ta' April il-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ ingħaqdet ma' bosta knejjes oħra dedikati lil San Ġorġ imxerrdin mad-dinja Nisranija, kemm dik oċċidentali kif ukoll orjentali, biex tfakkar il-martirju glorjuż ta' San Ġorġ permezz ta' Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Ġ Farrugia, fl-assenza ta' Mons Isqof li kien jinsab Ruma. Fil-Konċelebrazzjoni ħa sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-membri tal-Presbiterium Parrokkjali, il-mużika li tmexxiet minn Prof. Joseph Vella, Maestro di Cappella, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika.

Fl-omelija mqanqla tiegħu Monsinjur Arċipriet tkellem dwar kif il-misteru ta' San Ġorġ jiftiħem fil-misteru kbir ta' Kristu Mqajjem mill-Imwiet. Huwa rrifera għad-diskors ta' San Pietru Damiani, isqof duttur tal-Kniisja li għex bejn l-1007 u l-1072, li fl-omelija tiegħu għal jum San Ġorġ kien qal: "Il-festa ta' llum hi marbuta mal-ferħ ta' l-Għid bħal ħaġra prezzjuża tleqq li bi ġmielha tkompli ssebbaħ id-deheb li tkun ingastata fih". Mons Arċipriet fakkar fil-kelmiet l-oħra ta' l-istess għaref tal-Knisja:

*ikompli f'paġna 6*

## RADJU "LEĦEN IL-BELT VICTORIA"

LEĦEN IL-BELT VICTORIA 104 FM stereo

Huwa pjaċir tagħna ngħarrfukom li l-istazzjon tar-Radju tal-Parroċċa tagħna "Leħen il-Belt Victoria" għadu kemm ingħata liċenzja semi-permanenti biex ikun jista' ixandar bla waqfien għal matul is-sentejn li ġejjin. Għalhekk ir-radju tagħna ser jerġa' jibda t-trassmisjonijiet tiegħu nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju fuq Frekwenza 104 FM Stereo.

## IL-FESTA TA' SAN ĠORĠ FUQ L-INTERNET

**www.stgeorge.org.mt**

Il-Ġorġjani kollha, speċjalment l-emigranti, għandhom ikunu jafu li l-Konċelebrazzjoni Pontifikali (9.00am) kif ukoll il-Purċissjoni Pontifikali (7.00pm) tal-Festa ta' San Ġorġ, nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju, se jiġu trasmessi via l-Internet fuq il-Web Page tal-Bażilika ta' San Ġorġ bl-indirizz: www.stgeorge.org.mt Din is-sena qed isir kuil sforz biex kull min jipprova jidħol f'dan is-site ikun jista' jagħmel dan bla diffikulta'. Għalhekk nitolbu l-għajnuna finanzjarja tagħkom. Kull offerta tista' tingħata lill-Arċipriet jew tintbagħat bil-posta f'dan l-indirizz: "Homepage", Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex, Malta.

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:* **CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ**
Triq il-Karita`, Victoria, Ghawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg

## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA` PARROKKJALI

06.04.2000: **CATHERINE,** bint Noel Galea u Phyllis nee' Tabone
09.04.2000: **LAURA,** bint Charles Galea u Joanne nee' Vella
22.04.2000: **ELENA,** bint Frankie Tabone u Roseanne nee' Sultana
23.04.2000: **ERIC,** iben Frankie Vella u Tania nee' Curmi
23.04.2000: **GIORGIO,** iben Mark Mallia u Monica nee' Attard
24.04.2000: **MARIA,** bint Francis Zammit u Frances nee' Buttigieg
29.04.2000: **KATRINA,** bint George Cini u Josanne nee' Farrugia
30.04.2000: **CHRIS,** iben Adrian Sacco u Jahel nee' Portelli
10.05.2000: **KRISTOV,** iben George Scicluna u Evelyn nee' Gallacher
13.05.2000: **MARIE,** bint Emanuel Tabone u Joanne nee' Calleja
20.05.2000: **KOLI,** iben Angelo Cordina u Rose nee' Grech

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

29.04.2000: Tony Camilleri u Odette Farrugia
30.04.2000: Emanuel Balzan u Maureen Apap
03.06.2000: Joseph Vella u Georgianne Xuereb

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

07.04.2000: Mons Kantur Carmelo Sacco
19.04.2000: Mary Rose Gauci
23.04.2000: Emanuel Cauchi
30.04.2000: Virginia Grech
20.05.2000: Carmelo Abela
22.05.2000: Carmelo Muscat

### *DONAZZJONI GĦAR-RIVISTA*

Dolores Scicluna (Zebbug Malta): Lm5

## Kors ta' Tagħlim tal-Mużika fil-Każin La Stella

Fi ftit tal-ġranet oħra ser jinbeda kors ieħor ta' tagħlim tal-mużika fil-Każin tal-Banda Ċittadina La Stella għal dawk kollha interessati li joħorġu jdoqqu mal-banda. Il-lezzjonijiet se jsiru matul ix-xhur tas-sajf propju meta t-tfal ta' l-iskola u l-istudenti jkunu bil-vaganzi tagħhom.

Numru sabiħ ta' studenti diġa' wrew ix-xewqa li jibdew it-taħriġ tagħhom fit-teorija tal-mużika. Inħeġġu lil tfal oħra li huma mħajjrin jitgħallmu l-mużika sabiex japprofittaw ruħhom minn din l-opportunita` u huma wkoll jibdew it-taħriġ tagħhom minn issa. Kull min huwa nteressat f'dan it-tagħlim għandu javviċina immedjatament lil xi membru tal-Kumitat.

***L-ewwel lezzjoni se ssir nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju.***

# Editorjal

## TMIEM L-ISKOLA

Dalwaqt tispiċċa s-sena skolastika u għalliema u studenti jibdew il-vaganzi tagħhom. Vaganzi twal li matulhom kulħadd jistrieħ u jiddeverti.

Pero' tajjeb wieħed jiġbed l-attenzjoni ta' l-istudenti li l-vaganzi m'għandhomx ikunu jiem ta' divertiment u xalar biss. Jew forsi wkoll ta' għażż. Hemm bżonn li l-istudenti kollha jifhmu li matul dawn il-jiem tal-vaganzi ma jinqatgħux mill-kotba. F'ċerti livelli jkun hemm bżonn li wieħed jkompli l-istudji tiegħu speċjalment jekk ma jkunx mar tajjeb fis-sena li tkun għaddiet. Pero' żgur li kulħadd għandu jieħu l-opportunita' li jaqra kotba tajbin li jkomplu jtejbu l-livell akkademiku ta' l-istudent.

Barra dan ta' min iżid ukoll li studenti żgħażagħ jistgħu anke, matul dawn il-jiem tal-vaganzi, jagħtu kontribut validu f'organiżżazjonijiet volontarji li tant jeħtieġu l-għajnuna. F'kull parroċċa hemm fejn wieħed jista' jagħti daqqa t'id. Kif jaf kulħadd matul is-sena skolastika ftit ikun hemm ċans li l-istudenti jikkontribwixxu f'dan il-qasam. Imma matul is-sajf aħna żguri li ħafna u ħafna żgħażagħ jistgħu jagħtu sehemhom f'xi qasam tal-volontarjat.

## BIDU TAS-SAJF

Is-sħana ġa bdiet tinħass u hawn min ukoll fetaħ l-istaġun ta' l-għawm. Jiem twal ta' xemx u jiem twal ta' divertiment. Wieħed imma jrid jinnota li matul dawn ix-xhur tas-sajf il-perikli morali jimmultilpikaw. L-ilbies sfaċċat, id-dewmien barra bil-lejl, u mitt ħaġa oħra, ħafna drabi jkunu ta' periklu għalina.

Tajjeb għalhekk li fil-bidu ta' dan l-istaġun wieħed jiftaħ għajnejn kulħadd biex kull wieħed u waħda minna noqgħodu attenti li ma ninġarrux mill-kurrenti ta' ħażen li jkunu bil-bosta qawwija f'dawn il-jiem. Min jaf kemm hawn żgħażagħ li jibdew is-sajf tajjeb u jispiċċawh ħażin. Kultant, bla ma rridu, nidħlu f'xi nasba u wara ma nkunux f'pożizzjoni li noħorġu minnha.

J'Alla matul is-sajf li ġej filwaqt li nieħdu pjaċir u niddevertu onestament, nkomplu ngħixu ħajjitna kif jixraq lill-fidi Nisranija li aħna nistqarru li nemmnu.

LOURDES 2000
**Mis-7 sat-12 t'Awissu 2000**
*Dettalji u Booking mill-Uffiċċju Parrokkjali*
*Imexxi l-Grupp:* **Mons Salv Borg**
• Fadal biss ftit postijiet •

# Precett u Grizma 2000



**TFAL BNIET LI GHAMLU L-EWWEL TQARBINA NHAR L-ERBGHA 24 TA' MEJJU 2000**

ATTARD Manuela, BEZZINA Jaunesse, BONNICI Ariann, BUGEJA Manuela, BUTTIGIEG Georgene, CAMILLERI Francesca, CAMILLERI Julia, CREMONA Maria, FARRUGIA Gabriella, FENECH Tara Elena, FORMOSA Genise, GRIMA Caroline, LIVORI Nicolette, MERCIECA Raisa Giorgina, PACE Christabelle, PISCOPO Sasha, SALIBA Annabelle, SALIBA Mariella, SULTANA Diane, TABONE Marielise, XUEREB Emma.

**TFAL SUBIEN LI GHAMLU L-EWWEL TQARBINA NHAR L-ERBGHA 24 TA' MEJJU**

APAP Giorgio, ATTARD Anthony Nicholas, ATTARD Christian, ATTARD Joseph, AZZOPARDI Christian, AZZOPARDI Josef, AZZOPARDI Justian, BORG Adrian, BORG John Paul, BUGEJA Christopher, BUGEJA Ruben, CAMILLERI Malcolm George, CARUANA Michael, CASSAR Kurt, ECKERT Andreas, GRECH Settembro, HABER Frank, MATHE Alexander, MERCIECA Joseph, MERCIECA Nicholas, MICALLEF Christopher, PARNIS Christian Paul, PORTELLI Christopher, SACCO Manwel, SCHEMBRI Renzo, TABONE Daniel, VELLA Andrea, XERRI Matthew, ZAMMIT Mark Laurence, ZAMMIT Matthew.





**BNIET LI RĊEVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF NHAR IL-ĦAMIS 25 TA' MEJJU 20000**

AGUIS Elena, ATTARD Anette, ATTARD Diane, ATTARD Ediana, ATTARD Ritienne, AQUILINE Paula, BORG Deborah Maria, BORG Diane, CARUANA Marla, CASSAR Roberta, CEFAI Sophia, CUTAJAR Silvianne, FARRUGIA Elaine, FARRUGIA Francene, FARRUGIA MUSCAT Roxanne, GAUCI Annaliza, GRECH Georgene, GRECH Louise, GRECH Rachel, GRIMA Marcelle, GRIMA Mariana, MUSCAT Chantelle Sonia, PORTELLI Miguela, RAPA Stephania, SACCO Graziella, SCHEMBRI Giorgina, TABONE Maria, VELLA Andrea, VELLA Christiana, VELLA Mariella, XERRI Rodienne.

**SUBIEN LI RĊEVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF NHAR IL-ĦAMIS 25 TA' MEJJU 2000**

AGUIS Ġor(c), ATTARD Adam, ATTARD George, ATTARD Michael George, BRIFFA Anthony, BUHAGIAR Jason, CARUANA Lorry, CAUCHI Josef Juan, CAUCHI Michael, CINI Aaron Gorg, FARRUGIA David, FARRUGIA Josef, FORMOSA Frankie, GALEA Terence, GRECH Anthony Mario, GRECH Ryan Carmel, GRIMA Adrian, MIZZI Andrew, SALIBA Jonathan, SILLATO Gabriel, SULTANA Neville, THEUMA Stephen, VELLA George Mario, VELLA Michael.



# META T-TFAL JKUNU MDEJQA U QALBHOM SEWDA

Illum il-ġurnata, it-tfal jinsabu "taħt pressjoni" għal ħafna raġunijiet. Għalihom ukoll, l-ansjeta' hi ħaġa serja. Ħasra li ħafna ġenituri jagħtu ftit wisq importanza għall-ansjeta' ta' wliedhom. Jaħsbu li wliedhom jegħelbu din l-ansjeta' hekk kif jikbru, u li jistgħu jilqgħulha bir-rieda tajba, jekk biss jagħmlu xi sforz. Għalhekk il-ġenituri juru ruħhom indifferenti jew urtati. L-esperjenza tgħallimna li l-livelli ta' l-ansjeta' huma l-akbar theddida għall-iżvilupp intellettwali, soċjali, emottiv, sesswali, fiżiku u personali tat-tfal.

## IS-SINTOMI LI JIDHRU

It-tfal anzjużi żżejjed huma timidi, misthija, beżgħana u ma jikkonkludu xejn. Ikollhom ftit fiduċja fihom infushom, kif ukoll figura negattiva tal-persuna tagħhom. Affarijiet banali li jaslu għall-għarrieda u oħrajn mhux mistennija, bħal xi kritika ta' xi għalliem, marka ħażina fl-iskola, falliment f'xi prova li minnha kienu qiegħdin jistennew suċċess, jistgħu jkunu wisq għat-tfal li diġa' jkunu mtaqqala bl-ansjeta'

It-tfal imdejjqa għax diġa' maħkuma minn xi forma ta' ansjeta' u biża', juru sintomi tassew problematiċi fl-imġieba tagħhom: diżubbidjenza fil-beraħ, tgħajjir, provokazzjonijiet, guffaġni, traskuratezza u użu irresponsabbli tal-flus, serq, interess fil-pornografija u saħansitra diżordni fl-ikel.

## ATTITUDNI QUDDIEM IS-SINTOMI

Ġeneralment, il-ġenituri jiċċensuraw bl-aħrax din l-imġieba, imma rarament jippruvaw isibu sewwa l-għeruq tagħha. Is-soltu jagħtu l-ħtija lil xi raġunijiet bħal ma huma: id-diżubbidjenza, l-impusivita', l-immaturita', il-għażż, il-karattru ribelli, l-egoiżmu, l-istupidita' u d-dgħjufija. B'hekk il-klima familjari jkun biss avvelenat minn ġlied kontinwu li jtul iż-żmien, waqt li s-sitwazzjonijiet problematiċl veri jibqgħu hemm. Minkejja dak li jaħsbu ħafna ġenituri, l-ansjetajiet ma jistgħux jitwarrbu b'xi kelma sabiħa bħal: "tkunx iblah", jew b'kummenti tad-daħk rigward il-kuraġġ jew il-personalita', u lanqas bl-inkoraġġiment u l-mogħdrija.

L-ansjetajiet tat-tfal ma jistgħux jisparixxu weħidhom. Li tagħti sikurezza lil tifel beżgħan, li tbiddlu f'tifel fiduċjuz u trankwill, li tbiddel fih id-dubji li jiġuh mill-ansjeta' f'fiduċja fih innifsu, huma wieħed mill-impenji l-iktar importanti tal-familja.

## L-GĦERUQ TA' L-ISTRESS

Prattikament, liema huma l-għeruq ewlenin ta' l-istress? Ħaġa ta' l-għaġeb, l-ewwel stress hija l-familja stess. Hemm il-biża' konkret tal-vjolenza tal-ġenituri, tan-nuqqas ta' ftehim, ta' swat jew ġlied bejniethom, tad-divorzju, u li jistgħu jiġu nieqsa bil-mewt.

L-istess skola tista' ġġib stress magħha: il-biża' li t-tfal ma jlaħħqux ma sħabhom, li ma jġibux marki suffiċjenti li jħallu kuntenti lill-ġenituri tagħhom, il-biża' li ma jitilgħux minn klassi għal oħra. Tinħoloq fihom ukoll ċerta ansjeta' meta jħallu l-iskola primarja u jgħaddu għal dik sekondarja; qabża mill-ħolma tat-tfulija għar-realta' taż-żgħożija.

## SEHEM IL-ĠENITURI

***X'jistgħu jagħmlu l-ġenituri?***

❑ Iridu jifhmu li l-ansjeta' tista' tiġi mill-bidliet ta' l-imġeba fit-tfal; għalhekk għandhom jagħarfu l-kawża ta' l-ansjeta', u bl-aħjar mod jgħinuhom joħorġu mill-problema.



❑ Importanti d-djalogu bejn ġenituri u l-ulied, f'kull xorta ta' problema, kif ukoll fuq il-ġejjieni tat-tfal u fuq valuri reliġjużi. Ikunu dejjem qrib uliedhom biex jgħamlulhom kuraġġ. Janaliżżaw flimkien l-iżbalji li jsiru.

❑ L-ulied għandhom bżonn iħossu li l-ġenituri għandhom fiduċja fihom; għalhekk hemm bżonn li l-ġenituri iktar ifaħħru u jippremjaw lil uliedhom milli jikkastigawhom.

❑ Il-paċenzja hija wkoll meħtieġa. Xi drabi, il-għażla ta' ħafna ġenituri biex jaraw riżultati mill-ewwel minn uliedhom, mhux biss iżżid fihom l-ansjeta', imma wkoll twassalhom biex jaqtgħu qalbhom.

❑ Il-ġenituri jridu wkoll jużaw il-prudenza. Qatt m'għandhom jimponu objettivi lil uliedhom, jekk ma jkunux disgħin fil-mija żguri li dawn jistgħu jwettquhom.

❑ U fl-aħħar, l-atmosfera ta' paċi u sliem li għandha ssaltan fil-familja. Il-ġenituri li jixtiequ jgħinu lil uliedhom, għandhom huma stess, qabel kollox, jissuperaw l-ansjetajiet tagħhom u jwarrbu kull biża'.

❑ Il-familja għandha tkun post ta' imħabba, għaqda, paċi, sliem u trankwilita'.

*(mir-rivista Ħajja Sależjana: Jannar-Marzu 2000)*

## *ŻJARA MILL-KARDINAL CHELI*



L-Eminenza Tiegħu il-Kardinal Giovanni Cheli għamel żjara lill-Bażilika tagħna nhar is-Sibt 20 ta' Mejju 2000. Fir-ritratt l-E.T. il-Kard. Cheli jidher jiffirma l-Visitors' Book u fejnu jidher Mons Arċipriet G. Farrugia. Il-Kardinal Cheli kien f'Għawdex għall-okkażjoni tal-Ġimgħa Marjana li nżammet fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu kif ukoll fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju taż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Giovanni Pawlu II fi gżritna.

# IL-ĠUBLEW: X'INHU U GĦALIEX

*(Siltiet mill-Ktieb ta' Mons Salv Borg -Publikazzjoni 'Lumen Christi')*

## Il-Pellegrinaġġ fil-Ġublew

### Introduzzjoni:

Il-Pellegrinaġġl juru x'inhi l-ħajja tal-bniedem: jiġifieri: mixja lejn id-Dar ta' Alla l-Missier. Il-Pellegrinaġġi għalhekk huwa "don ta' grazzja", għax għandhom valur penitenzjali. L-iskop ewlieni tal-Pellegrinaġġi hija l-evanġelizżazjoni, għax lħabbru s-sliem. Minħabba f'hekk il-Knisja tinkoraġġixxi l-pellegrinaġġi għaliex huma espressjoni qawwija ta' fidi.

### Il-Pellegrinaġġi ta' Iżrael

Il-Pellegrinaġġi bdew minn Abraham, li telaq lejn l-Art li l-Mulej wrieh. Mixja lejn pjan ta' Alla. Il-Poplu magħżul huwa simbolu ta' Poplu Pelligrin, għax telaq mill-Eġittu fi triqtu lejn l-Art Imwegħda. Il-Mulej innifsu mexxa lill-Poplu. Huwa kien magħhom u "ikkampja" magħhom u kellu t-Tinda tal-Laqgħa magħhom.

### Il-Pellegrinaġġ ta' Kristu

Kristu huwa l-Pellegrin ewlieni. Huwa niżel mis-Sema u ġie hawn fl-art biex jimxi magħna f'din id-dinja. Kristu huwa il-Pellegrin lejn it-Tempju. Kristu huwa l-Pellegrin fil-ħajja pubblika.Kristu huwa Pellegrin fil-Passjoni: fit-triq imwegħra lejn l-Għolja tal-Kalvarju. Kristu huwa l-Pellegrin fit-Tlugħ fis-Sema: Hu jitlaq mid-dinja u jerġa' lura għand Missieru tas-Sema, biex iħejjilna post u fejn qiegħed Hu, għad inkunu aħna wkoll.

Kristu nnifsu hekk iddekriva ħajtu ta' pellegrin: "Ġejt mingħand il-Missier u ġejt fid-dinja. Issa ser inħalli id-dinja, biex immur għand il-Missier".

### Il-Pellegrinaġġ tal-Knisja

F'komunjoni mal-Mulej, il-Knisja wkoll, bħala poplu Messjaniku, tinsab miexja 'l quddiem lejn Ġerusalemm tas-Sema. Fidila lejn l-amar tal-Mulej, hija xterdet ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, seklu wara l-ieħor, sal-ġurnata ta' llum.

### Il-Pellrgrinaġġ lejn it-Tielet Millenju

Il-Konċilju Vatikan II kien "ġrajja providenzjali" li serva li serva bħala tħejjija mmedjata tal-Knisja għall-Ġublew tat-Tielet Millenju. Il-Konċilju ddeskriva l-Knisja bħala: Knisja Pellegrina, li ssieħeb lill-umanita' fil-mixja tagħha preżenti f'din id-dinja, iżda li mhix tad-dinja; kif ukoll Knisja Missjunarja mxerrda mad-dinja kollha, miftuħa għal kulħadd.

### Il-Pellegrinaġġ ta' l-Umanità

L-Umanita' hija fi stat ta' mixja. F'din il-mixja ta' l-umanita' l-Knisja takkumpanja lill-bnedmin li b'rieda tajba jfittxu l-verita', il-ġustizzja u l-paċi. Fid-dinja għandna ħafna postijiet sagri, iżda l-iktar żewġt ibliet imqaddsa huma:
ĠERUSALEMM fl-Art Imqaddsa, ċentru tal-Pjan tal-Fidwa minn Abraham sa' Kristu; hemm l-Iben t'Alla fdiena.
RUMA, simbolu tal-Knisja Universali, ċentru tal-Fidi Kattolika Apostolika, u "Sede" tal-Vigarju ta' Kristu.

### Il-Pellegrinaġġ tan-Nisrani ta' llum

L-insara kollha huma mistiedna biex jingħaqdu fil-Pellegrinaġġ il-Kbir li Kristu, il-Knisja u l-Umanita' għamlu u għadhom jagħmlu fl-istorja.

Il-Pellegrinaġġ għandu dawn il-passi:

**L-ewwel pass: TITLAQ**
Il-Pellegrin jitlaq minn daru, iħalli kollox warajh.

**It-tieni pass: TIMXI**
Hu għandu jimxi pass pass ma' ħutu f'solidarjeta' magħhom.

**It-tielet pass: TASAL FIS-SANTWARJU**
Hemm tisma' l-Kelma t'Alla u tieħu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni Sagramentali.

**Ir-raba' pass: TIRRITORNA LEJN DAREK**
Biex tkun xhud tal-fidi u bennej tal-paċi.

Għalhekk kull Pellegrinaġġ huwa mixja ta' Fidi.

## MONS CARMELO SACCO



Wara ħidma saċerdotali ta' disgħa u ħamsin sena, il-Mulej għoġbu jsejjaħ lil Mons Carmelo Sacco sabiex jagħtih il-ħlas tax-xogħol tiegħu nhar il-Ġimgħa 7 ta' April 2000.

Ta' tfajjel żgħir wieġeb għas-sejħa tal-Mulej u wara li spiċċa l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' f'Għawdex ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Ġunju 1941 mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-Kappella tas-Seminarju. Mill-bidunett beda jaqdi d-doveri tiegħu bħala Viċi-Parroku fil-Belt Victoria. Dak iż-żmien dan kien xogħol iebes u ta' sagrifiċċju għaliex l-assistenza mal-moribondi kienet tieħu ħafna siegħat bil-lejl u bin-nhar. Wara snin ġie magħżul bħala kappillan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Huwa serva wkoll fl-Isptar Mentali u fil-Lażżaret fejn dak iż-żmien il-kuntatti mal-morda kienu jkunu perikolużi.

Fis-sena 1975, meta l-parroċċa ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-Dinjita' ta' Kolleġġjata, Dun Karm ġie maħtur Kantur bit-Titlu ta' Monsinjur. Huwa baqa' jaqdi d-doveri tiegħu b'dedikazzjoni sa l-aħħar u ta kontribut kbir lill-Parroċċa li tagħha kien iben den.

Mons Sacco jinbqa' jiġi mfakkar bħala saċerdot serju li dejjem għamel unur lil-libsa li kien ixidd. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

# IL-QIMA LEJN IL-MADONNA TA' MEJJU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*



Wieħed mill-kwadri artistiċi li ser nitkellem dwaru huwa dak tal-"Madonna ta' Mejju" li jinsab fuq l-artal tal-Kor taħt il-kwadru titulari ta' San Ġorġ. Qabel ma ngħaddu biex nagħtu iktar tagħrif dwar dan il-kwadru li jżejjen il-Bażilika tagħna ser nagħtu ħjiel storiku dwar ix-xahar ta' Mejju u l-iżvilupp tiegħu mal-medda tas-snin.

Għal alla "Flora" u għall-festi oxxeni tal-ward li kienu jsiru fix-xahar ta' Mejju, l-Insara poġġew flok l-alla "Flora" lil Marija u wirjiet nodfa għall-ġieħ tagħha. L-ewwel li beda jassoċja lil Marija max-xahar ta' Mejju kien Alfonso X, Re ta' Spanja, fis-Seklu XIII. Fost il-"Kantiċi tiegħu lil Santa Marija" hemm wieħed li jibda: "Dalwaqt jasal Mejju", li bil-kelma tal-ferħ tiegħu jistieden biex nitolbu lil Marija quddiem l-altari tagħha. Il-ġojjelieri ta' Pariġi, fis-seklu XIV, fl-1 ta' Mejju kienu soltu jieħdu f'Notre Dame "Maio" (xitla) imżejjna bil-brillanti, żigarelli u emblemi.

Fis-seklu XVI, fl-1549 il-Benedittin Volfango Seidl (+1562) ippubblika f' Monaco di Baviera ktejjeb bl-isem "Mejju Spiritwal" li huwa bħala l-ewwel abbozz tax-xahar Marjan. Anke San Filippu Neri (+1596) kien iħeġġeġ liż-żgħażagħ li jagħmlu atti ta' tifħir lil Marija, billi jżejnu x-xbihat tagħha, ikantaw, u jagħmlu fjoretti spiritwali matul ix-xahar ta' Mejju.

Fis-Seklu XVII, in-Novizzi Dumnikani ta' Fiesole fl-okkażjoni tal-"Calendi Maggio" organizzaw fl-ewwel Ħdud ta' Mejju wirjiet ta' tifħir lil Marija. Fl-1701 dan it-tifħir xtered mal-Ħdud kolla ta' Mejju, u wara bdew isiru fil-jiem kollha ta' dan ix-xahar.

Lejn l-aħħar tas-seklu XVII f'Napli fil-Knisja Rjali ta' S. Kjara, matul ix-xahar ta' Mejju, kienet issir siegħa ta' qima lill-Verġni Marija b'kant sagru u bil-Benedizzjoni tas-S.S. Sagrament. Fl-1699 il-Kapuċċin Patri Lorenzo Schnueffis ippubblika ġabra ta' kant Marjan għax-xahar ta' Mejju.

Fl-1724 din il-prattika qaddisa ġiet ikklassifikata mill-Ġiżwita Veroniz Patri Annibale Dionisi (1679-1754) bil-ktejjeb tiegħu "Ix-Xahar ta' Marija". Dan il-ktieb kien biex jiġi prattikat fid-djar mill-missirijiet tal-familja, fil-monasteri, fil-ħwienet eċċ. Dan il-ktieb matul seklu kellu tmintax-il edizzjoni. Fl-1758 il-Patri Lalomia S.J. fix-"Xahar ta' Marija" flok "konsiderazzjonijiet morali" proposti minn Patri Dionisju għamel "Konsiderazzjonijiet Fuq il-Ħajja u l-Privileġġi ta' Marija".

Fl-ewwel nofs tas-Seklu XVIII ix-xahar ta' Mejju minn ġol-familji u l-għaqdiet reliġjużi għadda fil-knejjes. (1)

jaqbad mill-paġna ta' quddiem

## L-ARĊIPRIET IĦABBAR IĊ-ĊENTINARJU L-KBIR TA' SAN ĠORĠ TAS-SENA 2003

"Inħarsu lejn San Ġorġ mhux biss biex nistagħġbu bih imma wkoll biex insiru nixbhuh". Mons Farrugia qal lill-ġemgħa ta' Insara li kienu qed joħonqu l-Bażilika Ġorġjana li San Ġorġ hu tabilħaqq il-mudell tan-Nisrani għat-tielet millenju Nisrani li qed nagħtu bidu għalih. Kien hawn li Mons Arċpriet semma' u ħabbar iċ-ċelebrazzjonijiet tas-17-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ li kien seħħ fis-sena 303 wara Kristu. Huwa qal li f'Lulju għandna nibdew it-3 snin ta' tħejjija għal dan iċ-Ċentinarju Kbir Ġorġjan billi fl-ewwel sena nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq it-tagħlim teoloġiku, spiritwali, storiku, arkeoloġiku u kulturali dwar San Ġorġ; fit-tieni sena nagħarfu nfittxu l-modi kif l-aħjar insiru nixbħuh u nippreżentawh bħala mudell ta' ħajja Nisranija; waqt li fit-tielet sena għandna ningħaqdu ma' diversi Komunitajiet Ġorġjani oħra madwar id-dinja biex niċċelebraw bil-ferħ ix-xhieda tiegħu u nkomplu nxerrduha mad-dinja.

Iċ-ċelebrazzjonijiet fil-festa ta' San Ġorġ f'din is-sena tal-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni kienu jinkludu diversi elementi partikolari. L-istatwa artistika u devota tal-qaddis titulari ġiet esposta fil-Bażilika nhar Ħadd il-Għid fil-għaxija. Fil-jiem ta' matul l-ottava ta' l-Għid saret quddiesa bil-priedka f'diversi ħinijiet differenti tal-ġurnata b'tifsira tar-rabta tar-rebħa ta' San Ġorġ mar-rebħa ta' Kristu. Nhar il-ġimgħa, fis-7.00pm saret quddiesa speċjali għaż-żgħażagħ minn Dun Fabio Attard, Salezjan, imbagħad saret ikla tal-festa organizzata mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella fil-Każin. Nhar is-Sibt sar il-kant solenni ta' l-Ewwel Għasar mill-Kapitlu Urban li ppresedieh Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u "Locum Tenens" fl-assenza ta' Mons Isqof. Fit-8.30pm imbagħad saret laqgħa kbira ta' fejqan spiritwali organizzata mill-Moviment Karizmatiku tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu' mmexxi mill-Kappillan Dun Ġorġ Bezzina, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata.

Nhar il-Ħadd 30 ta' April fid-9.00am sar marċ brijuż mill-Banda Ċittadina La Stella mill-Każin sal-Bażilika u fl-10.00am bdiet il-Konċelebrazzjoni Solenni. Il-poplu kbir li mela l-Bażilika Ġorġjana wera l-entużjażmu tiegħu bis-sehem sħiħ li ħa fil-Liturġija. Din il-liturġija setgħu jgawduha wkoll il-morda u l-anzjani permezz tas-servizz dedikat tar-Radju tal-Parroċċa "Leħen il-Belt Victoria" li ttrasmetta b'xandir dirett il-funzjonijiet kollha li saru fil-Bażilika.

Fil-għaxija, imbagħad sar il-kant tat-Tieni Għasar presedut mill-Arċipriet Emeritus Mons E. Mercieca. B'dan ġew fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali tal-festa liturġika ta' San Ġorġ f'din is-sena tal-Ġublew il-Kbir. ●

# ROKNA TAT-TFAL

Għeżież tfal, kif intom! Nittama li lkoll tinsabu tajbin.

Naħseb li issa bdejtu tħossuha sew is-sħana u fil-fatt l-iskola bdiet binnofs ta' nhari. Is-sħana li tagħmel f'pajjiżna tnaqqaslek l-aptit għall-istudju, iżda mportanti li intom ma tabbandunawx il-kotba għax dawn huma l-ikbar ħbieb tagħkom. Fil-fatt, minn din il-ħarġa stess, se nibdew intellgħu bix-xorti ktieb sabiħ ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin fost dawk it-tfal li jaqraw din ir-Rokna tagħkom. Kull ma tridu tagħmlu hu, li kull darba li tirċievu r-rivista tagħna, twieġbu l-mistoqsija li jkun hemm fit-tmiem ta' dan il-messaġġ u tibagħtu t-tweġiba flimkien ma isimkom u l-indirizz lil:
IL-BELT VICTORIA,
"Rokna tat-Tfal",
Bażilika San Ġorġ,
Victoria, Għawdex.

Intant, naħseb li ħafna minnkom tinsabu anzjużi tistennew li joħroġ ir-riżultat ta' l-eżami li għamiltu mill-Year 6 ta' l-iskola Primarja għall-Form I tal-Junior Lyceum. Jiena minn qiegħ qalbi nawguralkom li jkollkom riżultat tajjeb. Nifthemu, xi wħud minnkom sa jħorġu ddisgustati, la darba ma ħadmux u stinkaw matul is-sena. Iżda kull min fostkom waħħal moħħu hemm, żgur li sa joħroġ sodisfatt.

Dawk imbagħad li diġa qegħdin fl-iskejjel sekondarji, żgur li qed iħejju għall-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Għal dawn ukoll japplika l-qawl: "Li tiżra', taħsad!" Ma tistax tistenna riżultat tajjeb, jekk ma tkunx ħdimt għalih. Imbagħad tilħqu tiddevertu u tixxalaw matul il-vaganzi. Il-qawl tagħna jkompli jgħid: "Ġunju Ġunjett, neħħi l-qmis u d-dublett", iżda dan, mhux qabel inkunu temmejna sa l-aħħar ġurnata ta' l-iskola.

Intant issa, ħa nibdlu s-suġġett. Jien nixtieq nifraħ lil għad kbir minnkom li matul l-aħħar jiem ta' Mejju irċevejtu l-Ewwel Tqarbina u oħrajn il-Griżma ta' l-Isqof. Tassew kien fiha dehra sabiħa l-Bażilika tagħna mżejna u mdawla u intom lkoll lebsin pulit u sabiħ, nodfa mhux biss minn barra, Iżda iktar u iktar minn ġewwa. Kemm hu mportanti issa li din is-safa, din il-bjuda, din l-indafa, iżżommuha ħajjitkom kollha.

U sa ngħid kelma b'mod speċjali lil dawk li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof. It-tagħlim tad-Duttrina issa ma spiċċax, anzi għadu se jibda! Qis li tibqgħu tmorru fiċ-Ċentri tagħna biex tkomplu titgħallmu sabiex tkunu kapaċi tieqfu quddiem il-ħażen li jitfaċċa quddiemkom. Sibu ħin għal kollox. Kull ħinu, ħinu! Tħallux il-privat, il-pjanu, l-istudju u mitt elf skuża oħra jbegħdukom minn dik in-nofs siegħa ta' Katekiżmu li l-frott tagħha ma ssibux illum, iżda tħossu meta tibda titfarfar u tidħol fid-dinja tax-xogħol.

Għal-lum ma xtaqtx intawwal iżjed, iżda jien nixteqilkom il-ġid u għalhekk inħoss li għandi ngħaddilkom xi messaġġ ta' fejda darba kull xahrejn.

Tinsewx ukoll tagħtu sehemkom firradju tagħna li ser jerġa jibda jitrasmetti fil-25 ta' Ġunju fuq il-Frekwenza tas-soltu: 104 FM Stereo. Issa żgur li sa jkun liebes il-libsa tal-festa. L-istaġun tal-festi fetaħ fil-ġżira tagħna l-Ħadd 28 ta' Mejju bil-festa ta' San Pawl Missierna fil-Munxar u issa, Ħadd wara Ħadd ikomplu dawn il-festi sakemm fit-tielet ġimgħa ta' Lulju , tfeġġ ukoll il-FESTA L-KBIRA TAGĦNA. Imma sa dak in-nhar, nispera li nerġgħu niltaqgħu. Ciao Tfal!

U issa l-mistoqsija li tista' trebbaħkom il-ktieb premju mogħti mill-Klabb Kotba Maltin.

***Semmuli żewġt iqwiel li tiltaqgħu magħhom intom u taqraw din ir-Rokna tagħkom??***

*Iż-Żiju Peppi*

# WEEKEND MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA

*Minn **Michael Formosa***

Matul l-aħħar weekend ta' Marzu li għadda ġie organiżżat 'live-in weekend' għal studenti żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna. Il-konkorrenza li ntweriet għal din l-inizjattiva meħuda miż-żgħażagħ stess kienet inkoraġġanti ħafna. Infatti l-grupp li għadda tlett ijiem Malta fil-Galaxy Hotel f'tas-Sliema ammonta għal 35 ruħ. Dan jikkonferma l-għatx li hawn għal attivitajiet simili u l-entużjażmu taż-żgħażagħ għal inizjattivi li jappellaw għalihom.

Il-programm ta' dawn it-tlett ijiem kien jinkludi ħin għat-talb u għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, diskussjonijiet kif ukoll ħin għal divertiment. Fuq kollox kien ħin ta' mistrieħ għalina u opportunita' sabieħa biex niltaqgħu u niddiskutu problemi ta' interess ġenerali u attwali. L-Arċipriet Mons Gużeppi Farrugia akkumpanja lill-grupp matul il-weekend kollu u kellu okkażjoni tajba biex jiltaqa' u jiddiskuti magħhom. Dan il-weekend ma' kienx ikun possibbli mingħajr il-ħidma ta' l-Arċipriet u tal-Kumitat Organizzattiv li pprepara l-programm u t-temi li kellhom jiġu diskussi waqt il-laqgħat. L-entużjazmu li ntwera żgur huwa garanzija biex 'l quddiem naħsbu biex norganiżżaw attivitajiet ta' din ix-xorta.



*Il-Grupp ta' żgħażagħ li ħa ħsieb l-organiżżazjoni ta' din l-attivita' flimkien ma' Mons Arċipriet.*

# "LA GIOCONDA" FL-ASTRA

## "Kollox kien eċċezjonali..." Ugo Mifsud Bonnici

(Il-Mument-Il-Ħadd 21 ta' Mejju 2000)

Nhar il-Ħamis u s-Sibt, 11 u 13 ta' Mejju 2000, it-Teatru Astra għalaq l-istaġun 1999/2000 bi produzzjoni operistika mill-iktar ambizzjuża: l-Opra "La Gioconda" ta' Amilcare Ponchielli.

Mill-kummenti li smajna u qrajna matul dawn l-aħħar ġranet nistgħu ngħidu bla tlaqliq ta' xejn li "La Gioconda" ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-mijiet ta' dilettanti ta' l-opra lirika li ħanqu t-Teatru Kienet produzzjoni grandjuża mtella' bl-akbar sengħa u ħila talbilħaq professjonali mir-reġista Joseph Bascetta. Il-figura dominanti f'din l-opra kienet bla dubju s-sopran rinomata Ghena Dimitrova li f'din l-ewwel dehra tagħha fil-gżejjer Maltin ikkonfermat il-kapaċitajiet straordinarji tagħha bħala sopran mill-iktar imfittxija u magħrufa mad-dinja kollha. Dan is-sajf stess se tkun mistiedna tieħu sehem f'diversi spettakli operistiċi fl-Arena di Verona.

Kantant ieħor li ġibed l-ammirazzjoni tal-pubbliku kien it-tenur Rumen Doycov. Konfidenti għal kollox fil-parti tiegħu, imżejjen b'vuċi ċara u mill-iktar b'saħħitha, Doykov irċieva applawsi mill-iktar mistħoqqa għall-interpretazzjoni stupenda ta' Enzo Gromaldo. Daqstant ieħor kienu impekkabbli l-erba' solisti l-oħra: Edna Garabedian, Jivko Pranchev, Silvia Montanari u Francesco Palmieri.

Il-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra, immexxi minn Maria Frendo, ikkumplimenta perfettament mal-cast tal-kantati barranin; anke l-grupp ta' ballerini ta' l-Akkademja ta' Tanya Bayona, imsaħħaħ b'żewġ żeffiena Russi, komplew jagħtu timbru speċjali lil din il-produzzjoni. Mhux ta' b'xejn li 'l biċċa l-kbira ta' dawk preżenti stħajluhom qegħdin jassistu għal produzzjoni operistika f'xi wieħed mill-aqwa teatri ta' l-opra barra minn Malta.

Naraw iżda x'kienu l-fehmiet ta' wħud mill-kritiċi Maltin dwar "La Gioconda", pubblikati fl-istampa lokali.

**● Ugo Mifsud Bonnici** *(Fi "Il-Mument)*

*"Il-ġimgħa l-oħra morna għar-rappreżentazzjoni tal-Gioconda ta' Amilcare Ponchielli fit-Teatru Astra tar-Rabat, Għawdex. Kollox kien eċċezzjonali u mhux skond ir-raġuni"*

*"Soltu kantanti tal-livell ta' Dimitrova tismagħhom fl-iScala ta' Milan, fil-Colon ta' Buenos Aires. Għawdex soltu tisma' kantanti tajbin ħafna Iżda rarissimu ta' dik il-klassi."*

*"Tibda tgħid kif jista' jkun veru dak li qed nara, daqs kemm hu inverosimili u kontra r-raġuni. Iżda kien evidentement veru u mhux ħolma. Mhux l-istorja fuq il-palk, li bħall-opri kollha hi mogħtija enfasi esaġerat. Iżda l-ġrajja ta' kif, fi gżira żgħira, li għandha popolazzjoni m'hix tant kbira, parti minn din il-popolazzjoni magħquda wara Każin tal-Banda, jirnexxilha tippreżenta spettaklu bħal dak u ta' dak il-livell, din kienet il-verita' li kull min kien fit-teatru kkonvinċa ruħu minnha."*

**● Abraham Borg** *(f'The Times)*

*"The Teatru Astra deserves our sincere thanks for offering to local opera lovers the opportunity to witness two performances of Amilcare Ponchielli's masterpiece La Gioconda. Undoubtedly, Ghena Dimitrova, in the role of La Gioconda, added lustre to this production."*

*"Rumen Doikov confirmed that the praise showered for his interpretation of Radames in last year's Aida was fully justified. His interpretation of 'Cielo e mar' was nearer to a Del Monaco."*

**● Michael Caruana** *(F'In-Nazzjon)*

*"Il-11 u t-13 ta' Mejju kienu ġranet memorabbli fil-qasam ta' l-opra lirika f'pajjiżna. L-interpretazzjoni li tat Ghena Dimitrova bħala mara sobiena, ferrieħa, għajjura, vedikattiva u ħanina deħru fuq wiċċa f'kull xena u ma' kull kantant. Dimitrova wrietna x'issarraf. Rumen Doikiv kien tenur li kkonferma li fih it-Teatru Astra investa fis-sod."*

*"It-Teatru Astra hu msemmi għall-kor tiegħu u taħt id-direzzjoni ta' Marija Frendo dawk li attendew semgħu armonija speċjalment fl-ewwel att."*

*"Jekk il-kant u l-mużika paxxew il-widna, il-kostumi paxxew il-għajn. Vestwarju b'kuluri mlaqqa' bl-esperjenza ta' Doris Farrugia, George Farrugia u Manwel Grima, ħolqu l-isbaħ qawsalla fuq il-palk spazzjuż tat-Teatru Astra."*

**● Gerald Fenech**
***(f'The Mata Independent)***

*"Ghena Dimitrova had me spellbound for the final thirty-five minutes as she truly carried the show with her stupendous singing and acting."*

*"On the whole, this production of La Gioconda can count as one of the most satisfying ever seen in recent years both in Malta and in Gozo."*



